

32003R0315

20.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 46/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 315/2003**tad-19 ta' Frar 2003**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1227/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid, f'dak li għandu x'jaqsam ma' potenzjal tal-produzzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2585/2001 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tingħata l-possibilità lill-Istati Membri li jkomplu jħallsu l-għajnuna sat-tmiem ta' sena finanzjarja, huwa neċessarju li jiġu emendati r-regoli fuq l-infiq għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-15 t'Ottubru, li huma stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2191/2002 ⁽⁴⁾.
- (2) B'mod partikolari, għandha tingħata konsiderazzjoni lill-kunċett ta' validazzjoni ta' l-infiq, kif iddefinit fl-Artikolu 79 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾.
- (3) Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu biex isiru allokazzjonijiet finanzjarji matul is-sena finanzjarja għandhom għalhekk ikunu adattati.
- (4) Il-format fiss għad-data u l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni għandhom ikunu adattati ukoll.
- (5) Konsiderazzjoni għandha tingħata ukoll lir-restrizzjonijiet partikolari li għandhom x'jaqsmu mar-rata t'implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturar u koverżjoni, u l-applikazzjoni tar-regoli dwar meddjet għandhom ikunu adattati għal hekk.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1227/2000 għandu jkun emendat għal hekk.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

Ir-Regolament (KE) Nru 1227/2000 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. B'eċċezzjoni għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal għajnuna għal xi miżura li tkun imħallsa bil-quddiem lil produtturi qabel ma dik il-miżura tkun implimentata, iżda l-implimentazzjoni tkun bdiet u l-benefiċjarju iddepożita garanzija ugwali għal 120 % ta' l-għajnuna. Għall-għanijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, l-obbligazzjoni għandha tkun li tiġi implimentata l-miżura konċernata sa l-aħħar tat-tieni sena ta' nbid wara l-ħlas bil-quddiem";

2. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15a(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. B'eċċezzjoni għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-għajnuna għall-miżuri kollha koperti mill-applikazzjoni għal għajnuna jkunu mgħoddija lill-produtturi qabel ma daww il-miżuri jkunu ġew implimentati, iżda l-implimentazzjoni tkun bdiet u l-benefiċjarju iddepożita garanzija ugwali għal 120 % ta' l-għajnuna. Għall-għanijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, l-obbligazzjoni għandha tkun li tiġi implimentata l-miżura konċernata sa l-aħħar tat-tieni sena ta' nbid wara l-ħlas bil-quddiem";

3. L-Artikolu 16(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena għal dak li għandu x'jaqsam mas-sistema ta' ristrutturar u konverżjoni:

- (a) prospett ta' l-infiq li fil-fatt intefaq fis-sena finanzjarja kurrenti, kif ukoll il-medda totali involuta;
- (b) prospett ta' l-infiq validat fis-sena finanzjarja kurrenti, kif ukoll il-medda totali involuta;
- (c) kull talb għal iffinanzjar ta' nfiq sussegwenti fis-sena finanzjarja kurrenti li jaqbżu l-allokazzjonijiet finanzjarji magħmula skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, u l-medda totali konċernata f'kull każ;
- (d) tbassir ta' nfiq emendat, u l-meddjet totali konċernati, għal snin finanzjarji sussegwenti sat-tmiem tal-perjodi previsti għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturar u konverżjoni, skond l-allokazzjoni lil kull Stat Membru";

⁽¹⁾ ĠU L 179, ta' 14.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 143, tas-16.6.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 334, tal-11.12.2002, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

4. L-Artikolu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 17

1. Għal kull Stat Membru, l-infiq li fil-fatt intefaq u li ġie ddikjarat għal xi sena finanzjarja għandu jkun iffinanzjat ġewwa l-limiti ta' l-ammonti notifikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 16(1)(a), iżda li daww l-ammonti ma jaqbżux b'mod totali l-ammont finanzjarju allokat lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

2. L-Istati Membri jagħmlu l-prospett imsemmi fl-Artikolu 16(1)(b) biss jekk l-ammont li jkun ddikjaraw skond l-Artikolu 16(1)(a) huwa għallinqas ugħwali għal 75 % ta' l-ammont allokat taħt l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

3. Talbiet magħmula mill-Istati Membri skond l-Artikolu 16(1)(c) għandhom jiġu aċċettati fuq bażi ta' kull wieħed skond seħmu, billi jintużaw l-ammonti disponibbli wara li jitnaqqas, għall-Istati Membri kollha, it-total ta' l-ammonti notifikati skond l-Artikolu 16(1)(a) u l-ammonti ddikjarati skond l-Artikolu 16(1)(b) mill-ammont totali allokat lill-Istati Membri skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Il-Kummissjoni għandha tinnofika lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun wara t-30 ta' Ġunju bil-punt sa fejn it-talba tista' tintlaq.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, fejn il-medda totali notifikata skond l-Artikolu 16(1)(a) hija inqas min-numru ta' ettari indikati fl-allokazzjoni għas-sena finanzjarja magħmula lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, f'dak il-każ infiq iddikjarat għas-sena finanzjarja inkwistjoni għandu jkun iffinanzjat biss sa limitu ugħwali għal-medda totali nnotifikata mmultiplikata bl-ammont medju ta' għajnuna għal kull ettaru; din

il-figura hija kkalkulata bħala proporzjon bejn l-ammont allokat lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u n-numru ta' ettari antiċipat.

Dan l-ammont ma jistax f'kull każ ikun akbar mill-infiq dikjarat skond l-Artikolu 16(1)(a).

Għall-għan li jiġi implimentat dan il-paragrafu, tolleranza ta' 5 % għandha tkun applikata lill-medda totali notifikata kif imqabbala ma' dik li tidher fl-allokazzjoni għas-sena finanzjarja.

5. Fejn l-infiq li fil-fatt intefaq minn Stat Membru f'xi sena finanzjarja huwa inqas minn 75 % ta' l-ammonti imsemmija fil-paragrafu 1, l-infiq li għandu jkun rikonoxxut għas-sena finanzjarja ta' wara, u l-medda korrispondenti, għandha tkun imnaqqsa b'terz tad-differenza bejn dan il-livell u l-infiq li fil-fatt intefaq matul is-sena finanzjarja inkwistjoni.

6. Dan it-tnaqqis m'għandux jittieħed konsiderazzjoni tiegħu sabiex l-infiq ikun rikonoxxut għas-sena finanzjarja ta' wara dik li fiha t-tnaqqis ikun sar.

7. Ammonti mħallsa lura mill-produtturi skond l-Artikoli 15 jew 15a għandhom jitnaqqsu mill-infiq li jkun ser jiġi ffinanzjat.

8. Referenzi għal xi sena finanzjarja għandhom jirreferu għal ħlasijiet fil-fatt magħmula mill-Istati Membri bejn is-16 t'Ottubru u l-15 t'Ottubru ta' wara."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

4.1. INFIQ DWAR RISTRUTTURAZZJONI U KONVERSJONI GĦALL-VINJI					
Infiq li fil-fatt intefaq fit-30 ta' Ġunju 20 . .					
Stat Membru:			Sena ta' baġit: 20 . ./20 . .		
			Data tal-komunikazzjoni:		
Pjan/Reġjun	Ristrutturazzjoni		Kumpens għal telf ta' dħul		Ammont totali (EUR)
	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	
1.					
2.					
3.					
4.					
5.					
6.					
1.1. Total					

Noti:

1. Terminu perentorju għall-komunikazzjoni: mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena (L-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament).
2. Infiq li fil-fatt intefaq sad-data murija (L-Artikolu 1 6(1)(a) ta' dan ir-Regolament).
3. Dan l-infiq ma jistax jaqbeż l-allokazzjoni oriġinali (L-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament).

4.2. INFIQ DWAR RISTRUTTURAZZJONI U KONVERSJONI GĦALL-VINJI Infiq ivvalidat fit-30 Ġunju 20.. (Għandu jiġi mwettaq bejn l-1 ta' Lulju 20.. u l-15 t'Ottubru 20..)					
Stat Membru:			Sena ta' baġit: 20../20..		
			Data tal-komunikazzjoni:		
Pjan/Reġjun	Ristrutturazzjoni		Kumpens għal telf ta' dħul		Ammont totali (EUR)
	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	
1.					
2.					
3.					
4.					
5.					
6.					
1.2. Total					

Noti:

1. Terminu perentorju għall-komunikazzjoni: mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena (L-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament).
2. Indika l-infiq ivvalidat għall-perjodu li jibqa' sal-15 t'Ottubru (L-Artikolu 16(1)(b) ta' dan ir-Regolament).

4.3. INFIQ DWAR RISTRUTTURAZZJONI U KONVERSIJONI GĦALL-VINJI					
Talba għal infiq ieħor					
(għandha titwettaq bejn l-1 ta' Lulju 20.. u l-15. t'Ottubru 20..)					
Stat Membru:			Sena ta' baġit: 20../20..		
			Data tal-komunikazzjoni:		
Pjan/Reġjun	Ristrutturazzjoni		Kumpens għal telf ta' dħul		Ammont totali (EUR)
	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	
1.					
2.					
3.					
4.					
5.					
6.					
1.3. Total					

Noti:

1. Terminu perentorju għall-komunikazzjoni: mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena (L-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament).
2. Indika l-infiq (li jaqbeż l-allokkazzjoni inizjali) pjanat għall-perjodu li jibqa' sal-15 t'Ottubru (L-Artikolu 16(1) (c) ta' dan ir-Regolament).

4.4. INFIQ DWAR RISTRUTTURAZZJONI U KONVERSJONI GĦALL-VINJI					
(Tbassir)					
Stat Membru:			Sena ta' baġit: 20../20..		
			Data tal-komunikazzjoni:		
Pjan/Reġjun	Ristrutturazzjoni		Kumpens għal telf ta' dħul		Ammont totali (EUR)
	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	Medda (ħa)	Ammont (EUR)	
1.					
2.					
3.					
4.					
5.					
6.					
1.4. Total					

Noti:

1. Terminu perentorju għall-komunikazzjoni: mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena (L-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament).
2. Daħħal tabelli għas-snin ta' baġit kollha sa l-aħħar tal-perjodu antiċipat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni (L-Artikolu 16(1)(d) ta' dan ir-Regolament).